

L-Erbgħa, 27 ta' Novembru 2019

P9\_TA(2019)0070

**Mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex jiġu indirizzati it-theddidiet kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul tar-rifuġjati u tas-sigurtà****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Novembru 2019 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2020 (COM(2019)0252 – C9-0008/2019 – 2019/2027(BUD))**

(2021/C 232/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2019)0252 – C9-0008/2019),
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,
  - wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fit-18 ta' Novembru 2019 (A9-0035/2019),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0036/2019),
- A. billi, skont l-Artikolu 4a(4) tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002, qed jitqiegħed għad-dispożizzjoni ammont ta' EUR 50 000 000 għal pagamenti bil-quddiem permezz ta' approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni,
1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

<sup>(2)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>(3)</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

L-Erbgħa, 27 ta' Novembru 2019

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi  
fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2020**

*It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni (UE) 2020/264.)*

---